MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 210/2005

**Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u *in rappresentanza* taz-zewg socjetajiet esteri *adidas International Marketing B.V.* u *adidas-Salomon AG***

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Marzu, 2005, gew nominati bhala kuraturi tas-socjeta' *XXX9999 SARL Baglas El-Khroub 25100 Constantine Algeria***

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata fit-28 ta' Frar, 2005, mill-attur *nomine* li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-ewwel socjeta' attrici *adidas International Marketing B.V.,* ta' *Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam,* tal-*Olanda* hija proprjetarja' ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala *"three stripes device"* liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument *"A"*;

Dina l-ewwel socjeta' attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markju distintiv *"three stripes device"* fil-komplessita' tieghu irregistrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No. 29740* (kif muri f'Dok. *"A"*), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina l-ewwel socjeta' attrici ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku *"three stripes device"* u dan kollu *ai termini* tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

It-tieni socjeta' attrici *adidas-Salomon AG,* ta' *Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach,* tal-*Germanja* hija proprjetarja' ta' diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala *"three stripes device on clothing"*, *"trefoil device"* u *"adidas"* liema markji huma wzati mis-socjeta' attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti *"B"*, *"C", "D"* u *"E"*;

Dina t-tieni socjeta' attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markji distintivi *"three stripes device on clothing"*, *"trefoil device"*, u *"adidas"* fil-komplessita' taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No. 10994* (kif muri f'Dok. *"B"*), *Trademark No. 30173* (kif muri f'Dok. *"C"*), *Trademark No. 13562* (kif muri f'Dok. *"D"*), u *Trademark No. 29878* (kif muri f'Dok. *"E"*), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina t-tieni socjeta' attrici ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinnji jew xogholijiet artistici *"three stripes device on clothing"*, *"trefoil device"*, u *"adidas"* u dan kollu *ai termini* tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta'

Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jirrizulta illi fil-25 ta' Jannar, 2005 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur *MV "CMA-CGM RAVEL"*, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li jgibu l-markju *"three stripes device"* u l-markju *"adidas"* fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'elfejn, u hamsa u ghoxrin (2,025) qalziet sportiv maghruf bhala bermuda, elf u sitta u hamsin (1,056) *track-suit*, u elfejn, disgha mija u hamsa u ghoxrin (2,925) flokk sportiv b'*Container* Numru *TOLU2482449* u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

Mill-Polza ta' Kargu Numru *NGP181920* jirrizulta li l-konsenjatarji tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi *in kwistjoni* huma ndikati bhala *XXX9999 SARL Baglas El-Khroub 25100 Constantine Algeria,* mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma *NGP3453 Ningbo Ziso Industrial Company Ltd, China;*

Id-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dawn l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi *in kwistjoni* jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali taz-zewg socjetajiet attrici skond l-Artiklu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414, li favur taghhom huma rregistrati l-markji distintivi maghrufa bhala *"three stripes device"*, *"three stripes device on clothing"*, *"trefoil device"*, u *"adidas"* kif spjegat aktar il-fuq, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet tal-awtur illi z-zewg socjetajiet attrici ghandhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li huma wkoll xogholijiet artistici protetti bil-KAP. 415 tal-Ligijiet ta' Malta – Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-KAP. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-

analizi li ghamlet rapprezentanta tal-ewwel socjeta’ attrici *adidas International Marketing B.V.* f’ishem iz-zewg socjetajiet attrici (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. *“F”*);

Din il-konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu iz-zewg socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. *“G”*);

Talbu lis-socjeta’ konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi *in kwistjoni* li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-KAP. 414);

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta’ attrici, jigifieri *adidas International Marketing B.V.,* tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li tikkonsisti f’elfejn, u hamsa u ghoxrin (2,025) qalziet sportiv maghruf bhala bermuda, elf u sitta u hamsin (1,056) *track-suit*, u elfejn, disgha mija u hamsa u ghoxrin (2,925) flokk sportiv *da parti* tas-socjeta’ konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ dina s-socjeta’ attrici *in kwantu* li ma humiex genwini, skond l-Arikolu 2(1)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f’isem is-socjeta’ attrici bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-

socjeta’ attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha *“three stripes device”*;

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta’ attrici, jigifieri *adidas-Salomon AG,* tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zone hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li tikkonsisti f’elfejn, u hamsa u ghoxrin (2,025) qalziet sportiv maghruf bhala bermuda, elf u sitta u hamsin (1,056) *track-suit*, u elfejn, disgha mija u hamsa u ghoxrin (2,925) flokk sportiv *da parti* tas-socjeta’ konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ dina s-socjeta’ attrici *in kwantu* li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f’isem is-socjeta’ attrici bin-Numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta’ attrici ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha *“three stripes device on clothing”*, *“trefoil device”*, u *“adidas”*;

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet attrici *a bazi* tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi *in kwistjoni* minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta’ konvenuta, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – KAP. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-konfront tas-socjetajiet attrici;

6. Tordna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi *in kwistjoni* u l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Marzu, 2005, li *in forza* tieghu inhatru l-Avukat Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi sabiex jirrappresentaw lill-kumpanija konvenuta ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konenuti kuraturi li *in forza* taghha ecepew illi m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavits imressqa bhala provi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Irrizulta li Dr. David Tonna huwa rappresentant tas-socjeta' *adidas International Marketing B.V.*, ta' *Amsterdam, Olanda*, u tas-socjeta' *adidas-Salomon A.G.* ta' *Herzogenaurach, Germanja*, ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghhom gewwa Malta. Kienu gew avzati li ser tidhol Malta konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi mic-Cina abbord il-vapur *MV "CMA-CGM RAVEL"* gewwa *container* numru *TOLU2482449,* u f'isem il-kumpaniji attrici l-attur kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana jzomm il-konsenja u jaghtihom kampjuni biex jibghatuhom lill-*Brand Managers* ta' *adidas* gewwa 'l *Olanda* biex jannalizzawhom u jaraw jekk humiex foloz jew genwini. Sabu li kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma, u din fil-fatt giet mizmuma l-*customs bond* tad-Dwana. Dawn il-fatti gew

konfermati wkoll minn George Agius li huwa *inspector Customs Enforcement Unit* li semma li fil-31 ta' Jannar, 2005, il-*container* imsemmi kien gie maghzul ghall-kontroll fiziku. Ikkonferma li kienu ttiehdu kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti ma sarux. Fid-dokument esebit *a fol.* 16 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Roline Bergsma, tal-*Intellectual Property Department* fl-*adidas International Marketing B.V.* li fiha jinghad *"I confirm that the samples bearing the various adidas trademarks I examined were not produced by, or with the permission of adidas, or any of their affiliates or licensees, and are therefore counterfeit"*; fl-istess stqarrija jispjega wkoll kif u ghalhiex kien jirrizultalu li l-konsenja kienet ta' prodotti foloz.

It-talba attrici m'hi b'ebda mod kontradetta.

Illi meta jitqiesu l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-ligi, jinstiltu l-konkluzjonijiet li gejjin:

a. il-kumpanija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, la darba jikser il-jeddijiet tal-kumpanija attrici;

d. jidher li l-kumpannija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja ta' oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita' tal-imsemmija hwejjeg tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb bizzejjed li l-kumpannija attrici kellha ragun temmen li l-abbiljamenti ta' hwejjeg sportivi ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-ewwel erba' talbiet attrici kif dedotti, b'dan li ghal fini tar-raba' talba tipprefiggi terminu ta' hmistax-il gurnata tax-xoghol mil-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi *in kwistjoni*; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba peress li fil-fatt, l-attur *nomine* m'ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward; tilqa' wkoll is-sitt talba kif dedotta.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta, b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------